MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2780/2002

**Avviz Numru 2780/02 AJD**
**Charles Mangion**

**vs**

**Jason Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) rappresentanti danni kagunati lill-attur f'incident awtomobilistiku tal-10 ta' Settembru 2002 fi Triq Birbal, Hal-Balzan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAV 078 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBD 058 misjuqa u propjeta' tal-attur ghal-liema indent kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------